**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

**Rikors nru: 141/2015 MLF**

**Antonio Pane'**

**Vs**

**Eagle Star (Malta) Limited in rapprezentanza ta' Eagle Star Insurance Company Limited u Zurich Assurance Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu l-ammont ta' hamest elef sitt mija u seba' u sittin ewro u erba' u sebghin centezmu (€5667.74) *surrender value* ta' Polza ta' Assikurazzjoni fuq il-Hajja li ghandha n-numru 657380. Bl-imghax legali mill-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2014, u bl-ispejjez tal-istess u tal-presenti procedura.

Bl-ingunzjoni tal-kumpanija konvenuta, u b'riserva dwar il-poloz numru 657229 u 3501989.

Rat ir-risposta ta' Eagle Star (Malta) Limited nomine li eccepiet:

1. Illi qabel xejn it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub m'huwiex dovut mill-eccipjenti lill-attur;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, il-Polza ta' Assikurazzjoni fuq il-Hajja bin-numru 657380 li jsemmi l-attur fir-rikors promotur ta' din il-kawza, ma ghandha ebda *surrender value*, izda jekk xejn *maturity value* li l-istess polza skadiet, jew ossija immaturat fil-31 ta' Ottubru, 2010;
3. Illi l-polza ta' assikurazzjoni msemmija inharget fl-20 ta' Ottubru, 1990 meta l-attur kien ghadu mizzewweg mas-Sinjura Maria Assunta Pane' li bejniethom kien japplika r-regim tal-kommunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk il-polza tappartjeni kemm lill-attur u kif ukoll lill-martu;
4. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu, ma jghid xejn dwar il-poloz ta' assikurazzjoni fuq il-hajja li huma, jew min minnhom, kellhom mal-eccipjenti (inkluza l-polza mertu ta' din il-kawza), u ghaldaqstant jehtieg il-kunsens jew altrimenti xi forma ta' intervent ta' mart l-attur sabiex l-eccipjenti tkun tista' thallas kwalunkwe ammont li mmatura taht il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni;
5. Illi f'dan il-kaz lanqas ma japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1712K(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li fl-ewwel lok il-polza in kwistjoni nharget qabel ma gie fis-sehh l-Att XI tas-sena 2005, filwaqt li l-imsemmi Artikolu japplika ghal poloz li nhargu wara li gie fis-sehh l-imsemmi Att, u fit-tieni lok il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn l-attur u martu u kif ukoll l-annullament moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma jistghux jitqiesu bhala *"operazzjonijiet legali sussegwenti u rilevanti maghmulin taht jew ghar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni"* u ghalhekk ma jrendux applikabbli d-disposizzjonijiet legali kontenuti fit-Titolu XI A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3814/14.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri ma humiex kontestati bejn il-kontendenti u huma s-segwenti:

1. L-attur u martu Maria Assunta Pane' zzewwgu fit-2 ta' Jannar 1982 u matul iz-zwieg taghhom kien vigenti r-regim matrimonjali tal-kommunjoni tal-akkwisti.
2. Huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 28 t'Ottubru 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor Richard Vella Laurenti, li bih, *inter alia*, b'effett mid-data tal-kuntratt giet imhassra xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.
3. Klawsola 14 tal-kuntratt tas-separazzjoni tghid hekk: *"Salv dak hawn fuq pattwit, il-partijiet jiddikjaraw illi huma pjenament sodisfatti bil-likwidazzjoni u qsim tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u li m'ghandhom ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin."*
4. Klawsola 15 tal-kuntratt tas-separazzjoni tghid hekk: *"Dan il-ftehim ghandu jibqa' vigenti bejn il-partijiet f'kull kaz, ukoll jekk iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null jew xolt permezz ta' digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti, u dan sew ghar-ragunijiet ezistenti kif ukoll ghal xi raguni sopravenjenti kif ukoll f'kaz illi jigi ottenut digriet jew ordni ta' divorzju."*
5. Sussegwentement iz-zwieg taghhom gie dikjarat null u bla effett skond il-ligi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' April 2005.
6. Fl-20 ta' Ottubru 1990 – cioe qabel gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni – is-socjeta konvenuta harget polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja bin-numru 657380 favur l-attur. Effettivament, is-socjeta konvenuta harget zewg poloz ohra ta' assikurazzjoni fuq il-hajja favur l-attur, li pero dawn iz-zewg poloz m'humiex mertu ta' dawn il-proceduri.
7. Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu ma jsemmi xejn dwar il-poloz ta' assikurazzjoni (inkluza l-polza mertu ta' din il-kawza) li l-attur kellu mas-socjeta konvenuta.
8. Wara li gie iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni l-attur talab li jifdi (*"surrender"*) l-polza in kwistjoni, cioe dik numru 657380, u s-socjeta konvenuta rrifjutat it-talba tieghu, jekk ma jgibx ukoll il-firma tal-mara tieghu. Din il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti baqghet ghaddejja tant li din il-polza immaturat fil-31 ta' Ottubru 2010.

9. Is-socjeta konvenuta qieghda tissottometti illi galadarba dawn il-poloz ma gew assenjati lill-ebda wahda mill-partijiet fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, is-socjeta konvenuta ma kienitx f'posizzjoni li tirrilaxxa l-ammont in kwistjoni lill-attur, minghajr il-kunsens ta' Maria Assunta Pane' jew dikjarazzjoni taghha li hija assenjat il-polza in kwistjoni lilu.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq zewg kawzali separati, u cioe bbazata fuq l-Artikolu 1712K tal-Kodici Civili u kawzali ohra ibbazata fuq il-klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu. Il-Qorti se titratta dawn iz-zewg kawzali separatament.

*Il-Kawzali a bazi tal-Artikolu 1712K tal-Kodici Civili*

L-Artikolu 1712K dahal fis-sehh bl-Att XI tal-2005, li zied titolu gdid fil-Kodici Civili, Titolu XIA intitolat *"Fuq Kuntratti ta' Assigurazzjoni fuq il-Hajja".* Dan l-Att irregola ghall-ewwel darba b'mod dettaljat ir-regim tal-kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-hajja bejn il-mizzewgin. Dan l-Att XI tal-2005 dahal fis-sehh fil-15 t'Awwissu 2005 permezz tal-Avviz Legali 287/2005.

L-Artikolu 1712K(3) jippreskrivi *inter alia* hekk:
*"(3) Meta kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-hajja jsir fl-isem uniku ta' persuna li tkun mizzewga u li jkollha l-proprjetà matrimonjali soggetta ghar-regolamentazzjoni bil-komunjoni ta' l-akkwisti u minkejja kull disposizzjoni ohra tal-ligi fuq il-hajja:*

*(a) il-polza fuq il-hajja tkun tista' tigi ceduta, mirhuna, assenjata jew modifikata, inkluz bit-tismija ta' beneficjarju tahtha, minn dik il-persuna wahidha u f'dak il-kaz, meta dan isir:*

*(i) ghal finijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' l-interessi patrimonjali tal-konjugi, jew*

*(ii) minghajr il-kunsens bil-miktub tal-konjugi l-iehor, ghandu jorigina kreditu favur il-konjugi l-iehor ekwivalenti ghal nofs il-valur tal-premja kollha mhallsin mid-detentur ta' polza; u*

*(b) ir-rikavat tal-polza ghandu jitqies bhala proprjetà parafernali ta' dak il-konjugi soggett ghal kreditu favur il-konjugi l-iehor ta' somma li tkun daqs nofs il-valur tal-premja kollha mhallsa mid-detentur ta' polza."*

Dan l-Artikolu 1712K gie introdott bl-Artikolu 3 tal-Att XI tal-2005. Issa l-Artikolu 5 ta' dan l-Att ghandu disposizzjoni transitorja li tghid hekk: *"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3 ta' dan Att ghandhom isehhu ghar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni maghmulin wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att u ta' operazzjonijiet legali sussegwenti u rilevanti maghmulin taht jew ghar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li kienu jezistu f'dik id-data. Ebda haga f'dak l-artikolu ma ghandha tolqot il-validità ta' xi kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun sar qabel dik id-data jew ta' xi haga maghmula tahtu jew dwaru sa qabel dik id-data."*

Konsegwentement, id-disposizzjonijiet introdotti bl-Artikolu 3 ta' l-Att XI tal-2005, inkluz allura l-Artikolu 1712K, huma applikabbli f'zewg ipotesijiet:

1. ghal kuntratti li jsiru wara d-dhul fis-sehh tal-Att, cioe l-15 t'Awwissu 2005, u
2. ghal operazzjonijiet legali sussegwenti u rilevanti maghmulin taht jew ghar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li kienu jezistu f'dik id-data, cioe l-15 t'Awwissu 2005.

L-ewwel ipotezi certament mhix relevanti ghal kaz odjern.

Dwar it-tieni ipotesi, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta tissottometti li lanqas din l-ipotesi mhi applikabbli ghal kaz odjern, ghax ghalkemm il-polza ta' assigurazzjoni kienet diga tezisti fil-15 t'Awwissu 2005, skont hi ma hemm l-ebda *"operazzjoni legali sussegwenti u rilevanti"* maghmula taht jew ghar-rigward ta' din il-polza in kwistjoni.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta li la l-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attur u martu kif ukoll lanqas l-annullament moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ma jistghu jitqiesu bhala *"operazzjonijiet sussegwenti u rilevanti maghmulin taht jew ghar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni."* - ghalkemm irid jinghad li l-attur ma jghidx hekk fn-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Pero, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta konvenuta li fil-kaz odjern ma kienx hemm *"operazzjoni legali sussegwenti u rilevanti"* maghmula taht jew ghar-rigward ta' din il-polza in kwistjoni.

It-talba tal-attur li jifdi l-polza u sussegwentement l-immaturar tal-istess polza fl-2010 huma fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti *"operazzjonijiet sussegwenti u rilevanti maghmulin taht jew ghar-rigward"* tal-polza in kwistjoni, ghax huma operazzjonijiet intrinsikament marbuta mal-polza ta' assikurazzjoni.

L-intenzjoni tal-Att XI tal-2005 li zied id-disposizzjonijiet li ghandhom jirregolaw il-kuntrattti ta' assigurazzjoni fuq il-hajja fil-Kodici Civili, kienet li jirregola dawn il-kuntratti f'kull cirkostanza. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, certament ma kinietx l-intenzjoni tal-legislatur bl-Artikolu 5 tal-istess Att li kuntratti ta' assigurazzjoni dwar il-hajja maghmula minn konjugi wiehed wara l-15 ta' Awwissu 2005 jigu regolati mid-disposizzjonijiet tal-istess Att, filwaqt li kuntratti ta' assigurazzjoni dwar il-hajja li jkunu saru minn konjugi wiehed qabel l-15 ta' Awwissu 2005 u jkunu ghadhom ma mmaturawx jigu regolati minn regim differenti. Tali interpretazzjoni ma hix wahda logika, apparti li tohloq disgwid.

L-intenzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att XI tal-2005, kienet li jissalvagwardja l-validita tal-kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-hajja li saru qabel il-15 t'Awwissu 2005 u ta' xi haga maghmula tahthom jew dwarhom, sa qabel dik id-data, u ghalhekk baqghu regolati bil-ligi li kienet applikabbli ghalihom meta saru jew meta giet maghmula xi haga tahthom jew dwarhom. Wara l-15 t'Awwissu 2005, dak kollu li jsir koncernanti kuntratt ta' assigurazzjoni ta' hajja huwa regolat bl-Att XI tal-2005, li llum jinsab fit-Titolu XIA tal-Kodici Civili.

Fid-dawl tas-suespost, it-talba tal-attur ghal hlas taht l-Artikolu 1712K(3) tal-Kodici Civili hija gustifikata.

*<u>Il-Kawzali bbazata fuq il-Kuntratt ta' Separazzjoni</u>*

A tenur tal-Artikolu 59(3) tal-Kodici Civili, id-digriet li jawtorizza l-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali għandu l-istess effetti ta' sentenza tal-qorti kompetenti.

Mhux kontestat illi l-poloz tal-assikurazzjoni tal-attur, inkluza dik in kwistjoni ma issemmewx fil-kuntratt ta' separazzjoni

Skond l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili *"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

Issa din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-intenzjoni tal-attur u martu meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, kien li jaghlqu l-pendenzi kollha ta' bejniethom – hlief ghal dawk l-affarijiet li semmew espressament fil-kuntratt. Fil-fatt Klawsola 14 tal-kuntratt tas-separazzjoni tghid hekk: *"Salv dak hawn fuq pattwit, il-partijiet jiddikjaraw illi huma pjenament sodisfatti bil-likwidazzjoni u qsim tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u* <u>*li m'ghandhom ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin.*</u>*"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-fatt li z-zwieg illum hu annullat ma jaffettwax dan il-kuntratt, stante li Klawsola 15 tal-kuntratt tas-separazzjoni tghid hekk: *"Dan il-ftehim ghandu jibqa' vigenti bejn il-partijiet f'kull kaz, ukoll jekk iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null jew xolt permezz ta' digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti, u dan sew ghar-ragunijiet ezistenti kif ukoll ghal xi raguni sopravenjenti kif ukoll f'kaz illi jigi ottenut digriet jew ordni ta' divorzju."*

Ghalkemm il-mara tal-attur ma telghetx tixhed f'dawn il-proceduri, mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta johrog car li l-mara tal-attur kienet konsapevoli li l-attur kellu din il-polza ta' assigurazzjoni, tant li cemplet l-ufficcju biex titlob informazzjoni dwar il-polza. Dan nonostante, fil-kuntratt ta' separazzjoni hija ddikjarat li kienet pjenament sodisfatta bil-likwidazzjoni u qsim tal-kommunjoni tal-akkwisti, u li ma kellha l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-attur.

Huwa fatt maghruf li f'kuntratt ta' separazzjoni, mhux normali li jsir elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-mobbli tal-kommunjoni tal-akkwisti, imma li dawn jinqasmu b'mod konsenswali, u imbaghad fil-kuntratt jiddikjaraw li m'hemmx pendenzi bejniethom. Fil-fatt l-attur stess xehed li matul iz-zwieg kienu inxtraw gojjelli u deheb, u dawn qasmuhom hu u martu bejniethom, minghajr ma semmew xejn fil-kuntratt ta' separazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."* Fl-

opinjoni tal-Qorti Klawsola 14 tal-kuntratt ta' separazzjoni, in partikolari fejn l-attur u martu iddikjaraw li ma ghandhom ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin hija cara, u m'ghandha bzonn tal-ebda interpretazzjoni.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta tissottometti li dan l-argument – li fil-fatt issottometta l-attur huwa kemmxejn simplicistiku, ghax ma jiehux in konsiderazzjoni sitwazzjoni fejn ma jintlahaqx ftehim bejn il-partijiet fuq xi haga li mhux imsemmija fil-kuntratt, bhalma gara bil-polza in kwistjoni, fejn mart l-attur issa ghandha pretensjonijiet fuq ir-rikavat ta' din il-polza. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni, ghas-semplici raguni li l-kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet, u ladarba mart l-attur iddikjarat – tajjeb jew hazin - li m'ghandhiex pretensjonijiet izjed kontra l-attur, jekk hija issa darilha l-hsieb, l-unika triq li ghandha miftuha ghaliha hi li tattakka l-validita ta' dak il-kuntratt.

Ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta konvenuta, fl-opinjoni tal-Qorti, is-socjeta konvenuta ma kienitx legalment korretta meta, minkejja l-kuntratt ta' separazzjoni, hija esigiet li sabiex tirrilaxxa l-flus, ikollha wkoll il-kunsens ta' mart l-attur, li wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni ghamlet pretensjoni fuq il-hlas tal-valur tal-maturita tal-polza in kwistjoni. Il-kuntratt ta' separazzjoni sar a bazi ta' transazzjoni fejn il-partijiet illikwidaw u qasmu l-kommunjoni ta' l-akkwisti a bazi ta' binarji stabbiliti, u l-attur kien minghalih li l-hlas tal-valur tal-maturita tal-polza kien se jiehdu hu. Jekk issa is-socjeta konvenuta se thalli lil mart l-attur tiehu nofs jew parti minn dan il-hlas, se jkunu gew spusjati il-binarji li fuqhom kien intlahaq il-ftehim, u jxejjen is-sahha ta' ligi li ghandu l-ftehim ta' separazzjoni bejn l-attur u martu, liema ftehim – di piu wiehed ma jridx jinsa - gie approvat mill-Qorti kompetenti.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fl-opinjoni tal-Qorti, it-talba tal-attur ghandha tintlaqa' anke in bazi tal-kawzali tal-ftehim ta' separazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta nomine, tikkundanna lill-istess socjeta nomine thallas lill-attur l-ammont ta' hamest elef sitt mija u seba' u sittin ewro u erba' u sebghin centezmu (€5667.74) *surrender*

*value* ta’ Polza ta’ Assikurazzjoni fuq il-Hajja li ghandha n-numru 657380, bl-imghax legali mill-ittra ufficjali tat-30 ta’ Ottubru, 2014, u b’rizerva dwar il-poloz numru 657229 u 3501989.

In vista tan-novita’ tal-punti legali involuti, l-ispejjez tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-prezenti proceduri ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**